MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-19 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 947/1997/1

**L-Avukat Dottor Louis Galea**

**v.**

**Frans Ghirxi bhala editur tal-gurnal "L-Orizzont"**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Mejju 2002, li permezz taghha dik il-Qorti kienet sabet li l-attur kien gie malafamat permezz ta’ artikolu li deher fl-ewwel faccata tal-harga ta’ *L-Orizzont* ta’ nhar is-Sibt 26 ta’ April 1997. Dik il-Qorti, ghalhekk, ikkundannat lill-editur ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm1,500 bhala danni bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap. 248, bl-ispejjez jithallsu wkoll mill-konvenut.

L-artikolu in kwistjoni deher, kif inghad, fl-ewwel faccata tas-Sibt 26 ta’ April 1997 taht zewg ritratti, wiehed ta’ l-attur u l-iehor ta’ certu Ciro del Negro. L-intestatura ta’ l-artikolu tghid hekk: ***“Il-kaz ta’ Ciro del Negro: Louis Galea ghand il-pulizija”.*** L-artikolu, imbaghad, ikompli hekk:

**“L-ex Ministru Nazzjonalista Louis Galea nhar it-Tlieta li ghaddew mar ghand il-Kummissarju tal-Pulizija, George Grech, fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Furjana. Iz-zjara saret fuq talba ta’ Galea stess.**

**“Ghalkemm il-Kummissarju ma riedx jizvela lill-*Orizzont* x’intqal fil-laqgha minhabba l-etika, dan il-gurnal ghandu informazzjoni li Louis Galea talab lill-Kummissarju biex il-pulizija tiehu f’idejha dokumenti li jinghad li ghandu l-gurnalist Joe Mifsud u li ntuzaw biex jithejja l-ktieb li Joe Mifsud se johrog dwar id-djarju tat-Taljan Ciro Del Negro.**

**“Dan il-gurnal baghat sett ta’ mistoqsijiet permezz tal-fax lil Louis Galea biex jikkonferma jew jichad l-informazzjoni li ghandu dan il-gurnal dwar din il-laqgha bejnu u bejn il-Kummissarju Grech. Dr. Louis Galea wiegeb permezz ta’ fax billi qal: “Nghidlek li f’dan l-istadju nitolbok tirrivolgi l-mistoqsijiet tieghek lill-Kummissarju tal-Pulizija”.**

**“Id-djarju msemmi, li waqa’ f’idejn il-Pulizija, jsemmi ismijiet ta’ politici Nazzjonalisti u nies qrib taghhom, fosthom Louis Galea u huh Joe, John Dalli u huh Bastjan, Ninu Zammit, u t-tifel ta’ l-ex Ministru Lawrence Gatt. Fih hemm imnizzel li kien isir traffikar**

**ta' droga minn nies qrib il-Partit Nazzjonalista u li kienet tiddahhal id-droga f'pajjizna mill-VIP Lounge tal-ajruport permezz ta' delegazzjonijiet ministerjali. Ma jsirux tfittxijiet fuq il-membri tad-delegazzjonijiet li kienu jghaddu minn dil-parti tal-ajruport.**

**"Nhar is-Sibt li ghadda Louis Galea cahad li jaf lil Ciro Del Negro "minn Adam". Fl-istqarrija tieghu, huwa qal li "il-Kummissarju tal-Pulizija, bhala l-oghla ufficjal fil-pajjiz li l-ligi tobbligah li jipprevjeni u jinvestiga r-reati, ghandu responsabbilta` gravi li immedjatament jassigura li d-dokumentazzjoni…tigi fil-pussess tal-Pulizija ghall-investigazzjoni taghha." Tlett ijiem wara ltaqa' personalment mal-Kummissarju biex jinsisti li dan isir.**

**"Del Negro, f'intervista li xxandret fuq ir-radju, kien sorpriz li Louis Galea qal li ma jafux. Del Negro fl-intervista qal li "Il-Ministru Galea qed ighid li ma jafnix? Stramba hafna l-Ministru Galea. Ma jiftakarx li konna ltqajna meta kien sejjer jigbor it-tfal tieghu in-Naxxar mill-iskola u t-tnejn li ahna kellna l-istess karozza? Jien kelli Volvo 760 u gejna hdejn xulxin. Jien ghidtlu 'Ministru, nixtieq infakkrek dwar dik il-bicca xoghol li ghaddejtlek.' Ma jiftakrux dan? Huwa kien jigi n-Naxxar biex jigbor it-tfal. Iltqajna s-Siggiewi. Jiftakar jew le? Jien dan li nixtieq infakkar lin-nies: Ghal liema raguni qeghdin tichdu li tafuni?".**

**"Joe Galea, hu l-ex Ministru Galea, kien qal fil-Qorti taht gurament li qatt ma ltaqa' ma' Ciro Del Negro u li ma kienx jafu imma anke hawn it-Taljan qed jghid bil-maqlub u ta d-dettalji dwar il-laqghat tieghu ma' Joe Galea.**

**"Fl-ahhar jiem il-gurnal Nazzjonalista 'In-Nazzjon' allega li t-Taljan qed ikun investigat dwar konnessjonijiet mal-mafja. Filwaqt li Del Negro cahad dawn l-allegazzjonijiet f'ittri lill-gurnal Nazzjonalista, kiteb lis-sostitut prokuratur ta' Palermo, Antonio Ingroia, fejn qed isiru dawn l-investigazzjonijiet dwar**

**il-mafia, biex ismu jitnaddaf minn dawn l-allegazzjonijiet.**

**“Del Negro iddikjara li huwa lest jghid kullma jaf lill-pulizija Maltija u lest jikkonfronta lil dawk kollha li issa qeghdin jghidu li ma jafuhx. It-Taljan lest jikxef affarijiet ohra li s’issa ghadhom ma sarux maghrufa, specjalment dak li kien gara bejn l-1989 u l-1992.”**

Fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu tal-24 ta’ April 1998, il-konvenut eccepixxa hekk:

“1. Illi fil-kitba de qua hem *(sic!)* fatti li jigu pruvati u ezercizzju tad-diritto di cronaca, kollox kif sancit mill-Gurisprudenza tal-Qrati Maltija anke b’approvazzjoni u applikazzjoni ta’ gudikati tal-Qorti ta’ Strasbourg.

“2. Illi l-attur mhux ingurjat.

“3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.”

**<u>Is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti</u>**

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha aktar ‘l fuq riportata wara li kkunsidrat is-segwenti:
“L-attur qed joggezzjona ghall-artikolu inkriminat li deher fil-harga tal-gurnal L-Orizzont fis-26 ta’ April, 1997 li gie pubblikat fl-ewwel pagna intitolat “Louis Galea ghand il-Pulizija” Dok. A a fol. 5.

“Biex jaghti l-isfond ghall dana l-artikolu, l-attur irrefera wkoll ghal Stqarrija ghall-Istampa mahruga mill-Partit Laburista Dok. LG1 a fol. 18 li dwarha ghamel kawza ohra ta’ libell ghad-danni Citaz 944/97GC fl-ismijiet Dott L. Galea vs J. Mifsud. L-attur ghamel ukoll riferenza ghall-kiteb “Id-Djarju ta’ Ciro Del Negro”, li fih ukoll ismu jissemma minghajr fondatezza madwar allegazzjonijiet mill-aktar gravi dwar abbuz u traffikar ta’ drogi u kriminalita`.

“Fl-artikolu li dwaru saret dina l-kawza, fl-ewwel pagna tal-gurnal hemm ritratt imdaqqas ta’ l-attur b’ismu flimkien ma ritratt ta’ Ciro De Negro. Taht dawn ir-ritratti b’ittri kbar u grassi hemm il-kliem “Il-Kaz ta’ Ciro Del Negro - Louis Galea ghand il-Pulizija”. Mill-ewwel daqqa t’ghajn minn dan it-titolu wiehed jifhem li l-attur spicca ghand il-pulizija in konnessjoni mal-kaz ta’ Ciro Del Negro.

“Meta wiehed imbaghad jaqra’ l-kontenut tal-artikolu isib li fil-fatt kien l-istess attur li mar ghand il-pulizija biex inehhi kull assoccjazzjoni li kienet qed tigi allegata fil-konfront tieghu u mhux kif wiehed seta jahseb meta jaqra’ l-artikolu li l-attur kien qed jigi investigat mill-Pulizija. Pero’ l-artikolu fih aktar minn hekk.

“Mill-kopja ta’ l-ittra li l-attur kien ghadda lill Kummissarju tal-Pulizija Dok. LG 3 a fol. 29 mhux veru li l-attur kien talab lill Kummissarju (ara artikolu a fol. 5) biex il-pulizija *tiehu f’idejha dokumenti li jinghad li ghandu l-gurnalista Joe Mifsud u li ntuzaw biex jithejja l-ktieb li Joe Mifsud ser johrog dwar id-djarju tat-Taljan Ciro Del Negro.* Fl-ittra imsemmija l-attur talab lill Kummissarju *biex immedjatament tibghat ghas-sur Joe Mifsud u tordnalu jghaddilek kwalsiasi taghrif li jista ghandu dwar xi ksur ta’ xi ligi, b’mod partikolari t-taghrif li jista ghandu u <u>li bih irid jiggustifika l-imputazzjoni li qed issir fil-konfront tieghi</u> fl-istqarrija tal-Partit Laburista firmata minnu.*

“Fl-ittra tieghu (ara fol. 29 para 4 u 5) l-attur talab li l-Kummissarju juza l-poteri tieghu u jaghmillu (lill attur) kwalunkwe mistoqsija w indagini li jrid hu u li l-ufficjali kollha tal-Korp tal-Pulizija jidhrilhom mehtiega.

“Ghalhekk mill-assjem kollu ta’ l-ittra jirrizulta li l-attur ma kienx qed jitlob biex Joe Mifsud jigi investigat imma biex Mifsud ighaddi t-taghrif li kellu lill Kummissarju biex jitfa’ dawl fuq il-hwejjeg li qal li jaf.

“L-istess artikolu wkoll jaghti l-impressjoni li l-attur kellu x’jaqsam ma ksur gravi tal-ligi meta hu jissemma ma huh in konnessjoni ma dhul illegali ta’ droga mill-ajruport minn delegazzjonijiet ministerjali.

"L-artikolu wkoll jinsisti u jrid jaghti l-impressjoni li l-attur mhux qed ighid il-verita` kollha dwar il-konessjoni tieghu ma' Del Negro ghalkemm l-attur kien cahad kull konnessjoni precedentement.

"Mill-artikolu kollu wiehed jiehu l-impressjoni li l-attur ghandu x'jahbi. L-artikolu qed iwassal l-impressjoni fil-kontest ta' dina l-istorja li l-attur b'xi mod ghandu konnessjoni mat-traffikar tad-droga ghalkemm ma gewx attribwiti lilu fatti specifici.

"Dina l-impressjoni ma hadix biss l-attur meta qara l-artikolu imma anke konoxxenti ta' l-attur li hu semma li avvicinawh u kellmuh b'mod car li kienu qed jiehdu l-impressjoni u kienu qed jidhlulhom dubbji li hu setgha kien involut f'dawn l-affarijiet.

"Illi l-konvenut fix-xhieda tieghu spjega kif kien gie a konoxxenza ta' certi fatti u partikolarment id-djarju ta' Ciro Del Negro, u kif Del Negro kien ikkonfermalu dak li kien hemm fid-djarju tieghu meta intervistah id-dar tieghu fi Sqallija.

"Fl-eccezzjoni tieghu l-konvenut qed jghid li fil-kitba inkriminata hemm biss fatti li jigu pruvati u ezercizzju ta' *dritto di cronaca*, kollox kif sancit mill-gurisprudenza tal-Qrati Maltija anke b'approvazzjoni u applikazzjoni ta' gudikati tal-Qorti ta' Strasbourg.

"Fil-fatt fil-kaz in ezami l-konvenut ma pprova xejn. Hu rrepeta dak li qallu Del Negro imma li gie kategorikament michud mill-attur ghal darba darbtejn. Dak li qallu Del Negro ma jsib ebda riskontru mar-realta` u ma ngabet ebda prova dwar l-allegata assoccjazzjoni ta' l-attur ma' Del Negro u jew ma xi haga ohra.

"Kif qalet il-House of Lords fil-kaz Reynolds vs Times Newspapers 28/10/1999: "*The communication of information, not misinformation, is the subject of the liberty of information. There is no human right to disseminate information that is not true*".

“Skond il-gurisprudenza Maltija u l-kazistika tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, “*there are limits on freedom of expression eg in the interest of the protection of the reputation or rights of others*” (Constantinescu vs Romania 27.6.2000).

“Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-artikolu inkriminat hu ingurjuz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur.

“Illi gie pruvat li l-konvenut (ara fol. 38) kien l-editur tal-gurnal L-Orizzont fid-data meta gie pubblikat l-artikolu.

“Illi l-ingurja fil-konfront tal-attur hija gravi u serja fiha nfisha u hija aktar gravi ghax hija diretta lejn figura pubblika, Deputat u Ministru tal-Gvern u li ghal xi zmien kien ukoll Ministru li fid-dikasteru tieghu kienet taqa’ l-glieda kontra l-abbuz u traffikar tad-droga.”

**L-appell**

Il-konvenut hassu aggravat b’din id-decizjoni, u permezz ta’ rikors presentat fil-21 ta’ Mejju 2002 talab ir-revoka taghha b’mod li jintlaqghu l-eccezzjonijiet tieghu u ghalhekk jigu respinti t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

Bazikament l-appellant ghandu zewg aggravji. Huwa jikkontendi b’mod generali li l-ewwel Qorti ma tatx id-debita importanza lill-kuncett tal-“liberta` ta’ l-istampa”, kif ukoll lir-rwol importanti tal-“media” f’socjeta` demokratika li jgibu a konoxxjenza tal-pubbliku “sitwazzjonijiet” u li “jistaqsu u jpoggu punti ghar-riflessjoni” bla ebda habi[1]. It-tieni aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti tat “a forced construction” lill-artikolu b’mod li ma kienitx gustifikata li tassumi li fil-konfront ta’ l-attur “hemm allegazzjonijiet li hu kellu x’jaqsam mad-droga”.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

[1] Ara in partikolari r-raba’ faccata tar-rikors ta’ appell, a fol. 104 ta’ l-atti.

Kif gie mfisser diversi drabi mill-qrati taghna, kritika, anke jekk robusta, fil-konfront ta' persuna, u specjalment persuna li tokkupa kariga pubblika, hija mhux biss permissibbli (fis-sens li ma tammontax ghal malafama) izda hija vitali ghall-hajja demokratika tal-pajjiz. Ir-regola hi li sakemm il-kritika (ossia il-"value judgement") tkun ibbazata fuq fatti li jigi pruvat li jkunu sostanzjalment veri, u kemm-il darba dik il-kritika ma tiddegenerax f'insulti gratuiti li jezorbitaw minn dak li huwa ragjonevolment accettabbli anke fid-dawl ta' l-etika gurnalistika, dak li jinkiteb ma jistax jikkwalifika bhala libelluz proprju ghax ikun jaqa' fil-parametri ta' dak li komunement jissejjah "fair comment" [2]. Is-sentenza appellata ma tmurx kontra din ir-regola. Dak li effettivament qalet l-ewwel Qorti – u din il-Qorti taqbel perfettament maghha – huwa li l-appellant, bl-ewwel eccezzjoni tieghu, ghazel li jipprova l-verita` ta' dak li kien qed jigi imputat fil-konfront ta' l-appellat (u cioe`, kif ser jinghad aktar 'l quddiem, li l-attur appellat kien b'xi mod "assocjat" ma' Del Negro u konness ma' traffikar ta' droga), izda l-imsemmi konvenut appellant baqa' ma ipprova xejn. Ghalhekk il-kwistjoni li proprjament hija devoluta, permezz ta' l-appell odjern, biex tigi deciza minn din il-Qorti hija jekk l-artikolu in kwistjoni hux malafamanti o meno.

L-appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti tat "a forced construction" lill-artikolu in dizamina. Hawn, s'intendi, qeghdin fil-kamp tal-apprezzament tal-provi u, kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti. Fil-kaz *de quo*, pero`, din il-Qorti ma tistax ma tistqarrx li tikkondividi pienament l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti dwar il-portata malafamanti ta' l-artikolu. Kif gie diversi drabi mfisser, biex wiehed jiddetermina jekk kliem jew artikolu humiex malafamanti jew le, wiehed ghandu japplika t-test tal-bniedem ragjonevoli dotat b'intelligenza ordinarja:

---

[2] Ara, fost ohrajn, ***Joseph Caruana v. Reverendu Father Emmanuel sive Noel Grima noe. et*** Qorti ta' l-Appell, 10 ta' Ottubru 2003; ***Dr. Sandra Sladden v. Joe Mifsud*** Qorti ta' l-Appell, 24 ta' Settembru 2004.

**"Words are normally construed in their natural and ordinary meaning, *i.e.* in the meaning in which reasonable men of ordinary intelligence, with the ordinary man's general knowledge and experience of worldly affairs, would be likely to understand them. The natural and ordinary meaning may also include any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only by general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the words…What the ordinary man would infer without special knowledge has generally been called the natural and ordinary meaning of words. But that expression is rather misleading in that it conceals the fact that there are two elements in it. Sometimes it is not necessary to go beyond the words themselves, as where the plaintiff has been called a thief and a murderer. But more often the sting is not so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them, and that is also regarded as part of their natural and ordinary meaning. The ordinary and natural meaning of words may be either the literal meaning or it may be implied or inferred or an indirect meaning; any meaning that does not require the support of extrinsic facts passing beyond general knowledge but is a meaning which is capable of being detected in the language used can be part of the ordinary and natural meaning…the ordinary and natural meaning may therefore include any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only by general knowledge, and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the words." [3]**

Issa, apparti minn dan, huwa wkoll accettat li biex wiehed jiddetermina jekk kliem jew artikolu humiex libelluzi o meno, wiehed ghandu jezamina l-kuntest kollu:

**"The words complained of must be construed as a whole. It is necessary to take into consideration, not**

[3] **Gatley on Libel and Slander** Sweet & Maxwell (London) 1981 (8th ed.), paragrafi 93 u 97 (pagni 48 u 51-52).

**only the actual words used, but the context of the words. Words which are not in themselves defamatory may, from the whole context in which they are published, convey a defamatory imputation. Conversely, this or that sentence may be considered defamatory, but there may be other passages which take away their sting. If in one part of the publication something disreputable to the plaintiff is stated, but that is removed by the conclusion, the bane and the antidote must be taken together. The defendant is entitled to have read as part of the plaintiff's case the whole of the publication from which an alleged libel is extracted, and also any other document referred to which qualifies or explains its meaning. If the libel is contained in a letter the whole of the correspondence of which the letter forms part should be taken into consideration. If a libel is contained in a newspaper paragraph, not only the paragraph but also the heading must be taken into account."** [4]

Meta wiehed jaqra l-artikolu kollu kif deher fl-ewwel faccata tal-gurnal *L-Orizzont* tas-26 ta' April 1997, wiehed ma jistax ma jikkonkludix li l-bniedem ragjonevoli dotat b'intelligenza ordinarja jifhem li, minkejja c-cahdiet tal-attur Galea, qed jinghad bhala fatt li hemm "assocjazzjoni" mill-qrib bejn l-istess attur u Ciro Del Negro u, aktar importanti ghall-finijiet ta' din il-kawza, dan kollu mhux fil-kwadru ta' xi laqgha kazwali izda fil-kuntest ta' traffikar ta' droga u ta' mafia. U mhux hekk biss: l-ahhar paragrafu tal-artikolu isahhah l-imputazzjoni malafamanti ta' tali "assocjazzjoni" billi jimplika li dak li kien qed jigi asserit bhala fatt sa dak iz-zmien – u li, kif inghad, ma gie b'ebda mod pruvat mill-appellant – kien biss "the tip of the iceberg" (kif gustament irrileva l-appellat fl-affidavit tieghu quddiem l-ewwel Qorti – fol. 16), u li ghalhekk kien hemm aktar "fatti", sa dak iz-zmien mistura, li jsahhu din l-"assocjazzjoni".

[4] ***Op. cit.*** paragrafu 102 (pagni 55-56).

L-appellant jilmenta b’mod partikolari mill-fatt li l-ewwel Qorti qalet li l-malafama f’dan il-kaz hija aktar gravi u serja ghax diretta lejn persuna pubblika, Deputat u ex-Ministru, u li ghal xi zmien kien responsabbli propju mid-dikasteru inkarigat mill-glieda kontra l-abbuz u t-traffikar tad-droga. Issa, filwaqt li huwa veru li persuna pubblika bhalma kien (u ghadu) l-attur ma tgawdi minn ebda “privilegg” fir-rigward tal-ligi tal-libell – anzi, kif inghad, tali persuna tista’ tigi soggetta ghal kritika aktar harxa milli tista’ tkun accettabbli fil-konfront ta’ persuna mhux pubblika – huwa daqstant veru wkoll li r-reputazzjoni ta’ persuna pubblika, jekk tintilef minhabba allegazzjonijiet li jirrizulta li kienu malafamanti u maghmula bi ksur tal-ligi, difficilment terga’ tigi riakwistata, bil-konsegwenzi kollha li jista’ jkun hemm ghall-karriera pubblika ta’ dik il-persuna. Huwa f’dan is-sens li l-ewwel Qorti rriferiet ghall-gravita` tal-malafama f’dan il-kaz, u frankament din il-Qorti ma tara xejn censurabbli fir-rigward.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------